



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' April 2021
(OR. en)

8366/21

TRANS 256
DELECT 88

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2021) 2853 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 28.4.2021 li jemenda l-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-modifika tal-lista tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għall-inġenji

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2021) 2853 final.

Mehmuż: C(2021) 2853 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.4.2021
C(2021) 2853 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.4.2021

li jemenda l-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-modifika tal-lista tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għall-inġenji

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

1.1 Lista ta' passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni maqsuma ġeografikament f'żoni 1, 2 u 3

Biex joperaw fuq passaġġi fuq l-ilma interni, il-bastimenti jridu jiksbu ċertifikat tan-navigazzjoni interna li jikkonferma li bastiment jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni¹.

Dawn ir-rekwiżiti huma stabbiliti għal tipi differenti ta' bastimenti, skont iż-żona operattiva.

Skont l-Artikolu 4, għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2016/1629 il-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni huma maqsuma fiż-Żoni 1, 2, 3 u 4. L-Anness I tad-Direttiva jipprovdi lista ta' passaġġi fuq l-ilma tal-Unjoni, kif diviżi fiż-Żoni 1, 2 u 3.

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 ma tipprovdi l-ebda metodoloġija biex il-passaġġi fuq l-ilma jinqasmu f'żoni, u din hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

Bħala regola ewlenija, din id-distinzjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti tal-kostruzzjoni għall-bastimenti fir-rigward tal-ġholi possibbli tal-mewġ fiż-żoni. Iż-Żoni 1 u 2 normalment ikunu żoni kbar tal-ilma (eż. lagi kbar) u ilmijiet marittimi maħsuba għall-operazzjoni tan-navigazzjoni interna. Iż-Żona 3 hija żona bażika li tkopri x-xmajjar ewlenin fl-UE (ir-Renu, id-Danubju). Il-bqija tal-passaġġi fuq l-ilma huma ttrattati bħala Żona 4.

F'konformità mal-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness I biex timmodifika l-klassifikazzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma abbażi ta' talba mill-Istat Membru kkonċernat, għall-passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tiegħu.

Fil-15 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet talba minn Franza biex timmodifika l-passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tagħha billi żżid iż-Żona 1.

Fit-2 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet talba mill-Iżvezja biex timmodifika ż-Żoni 1, 2 u 3 tal-passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tagħha billi żżid passaġġi tal-ilma interni addizzjonali.

Wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, huwa xieraq ukoll li titneħħa r-referenza għall-passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tiegħu mil-lista tal-passaġġi fuq l-ilma pprovduta fl-Anness I.

1.2 Rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għal inġenji fil-passaġġi fuq l-ilma interni taż-Żoni 1, 2, 3 u 4

1.2.1 Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI)

Il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet għas-CCNR.

Fl-2015, is-CCNR approvat il-ħolqien u l-funzjonament tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI). Il-missjoni tiegħu tinkludi l-adozzjoni ta' standards tekniċi fin-navigazzjoni interna f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-

¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ, l-interpretazzjoni uniformi ta' dawn l-istandards u tal-proċeduri korrispondenti, kif ukoll id-deliberazzjonijiet dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni, il-ħarsien tal-ambjent jew oqsma oħra tan-navigazzjoni.

Is-CESNI huwa magħmul minn esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tas-CCNR bi drittijiet tal-vot abbażi ta' vot wieħed għal kull Stat.

L-UE mhijiex parti fis-CCNR jew fis-CESNI. Madankollu, din tista' tiegħu sehem fil-ħidma tas-CESNI, flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li l-missjoni tagħhom tkopri l-oqsma kkonċernati mis-CESNI, iżda mingħajr dritt li tivvota.

Is-CCNR bniet esperjenza sinifikanti fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Is-CESNI, li huwa stabbilit fil-qafas tas-CCNR u bil-parteċipazzjoni ta' erba' Stati Membri tal-UE u l-Iżvizzera, għandu l-għarfien espert meħtieġ sabiex ifassal standards komuni għan-network kollu tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni Ewropea.

Qabel l-adozzjoni ta' standard ES-TRIN ġdid mill-Kumitat CESNI, titwettaq il-proċedura skont l-Artikolu 218(9) TFUE. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1508 riċenti tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fil-qasam tan-navigazzjoni interna (CESNI) u fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni² fit-13 ta' Ottubru 2020 stabbiliet il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Ewropew għat-tfassil tal-istandards fil-qasam tan-navigazzjoni interna (CESNI). Il-pożizzjoni kienet li jintlaħaq qbil dwar l-adozzjoni tal-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna ("l-Istandard ES-TRIN") 2021/1 u l-Istandard Normattiv tan-Navigazzjoni Interna komplementari AIS 2021/3.0.

1.2.2 L-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ES-TRIN)

L-Istandard Ewropew li jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ES-TRIN) huwa wieħed mill-istandards stabbiliti mis-CESNI. Dan l-Istandard jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex jiżguraw is-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti, dispożizzjonijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-bastimenti, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżitorji, kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Istandard tekniku.

L-ewwel verżjoni tal-ES-TRIN 2015/1 ġiet adottata fil-laqgħa tas-CESNI tas-26 ta' Novembru 2015.

L-Istandard ES-TRIN ġie emendat fl-2017³ u fl-2019⁴ u saret referenza għal din il-verżjoni fil-leġiżlazzjoni tal-UE u tas-CCNR.

² ĠU L 345, 19.10.2020, p. 6.

³ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/970 tat-18 ta' April 2018 li temenda l-Annessi II, III u V tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 174, 10.7.2018, p. 15).

L-istandard ES-TRIN jiġi aġġornat regolarment filwaqt li titqies ħidmet il-gruppi ta' ħidma tas-CESNI.

L-aġġornament regolari tal-istandard ES TRIN huwa meħtieġ biex:

- jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza fin-navigazzjoni interna
- tiġi segwita l-evoluzzjoni teknika (eż. il-kamra tat-tmunier, it-tagħmir tan-navigazzjoni)
- tiġi żgurata l-kompatibilità mal-qafas ġuridiku tal-UE (eż. ir-Regolament dwar il-Makkinarju Mobbli Mhux tat-Triq)

Is-CESNI adotta l-verżjoni aġġornata tal-istandard ES-TRIN 2021/1 fil-laqgħa tat-13 ta' Ottubru 2020. Din l-edizzjoni tinkorpora diversi emendi, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin:

- 1) Distanza tas-sikurezza, bord u marki tal-pixka (Kapitlu 4);
- 2) Apparati tat-tifi tan-nar li jistgħu jinġarru (Artikolu 13.03(2) sa (4))
- 3) Akkumulaturi tal-joni tal-litju (Artikolu 10.11);
- 4) Forniment u użu ta' tagħmir individwali għall-protezzjoni akustika (Artikolu 14.09(3));
- 5) Bibien fl-akkomodazzjoni (Artikolu 15.02(11));
- 6) Kamra tas-servizz elettriku f'bastimenti tal-passiġġieri (Artikolu 19.07);
- 7) Tagħmir tad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni (l-Artikolu 26.01(1)(h));
- 8) Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar:
 - sistemi fissi tat-tifi tan-nar;
 - sistemi ta' propulsjoni tal-bastimenti tal-passiġġieri;
 - faċilitajiet ta' għir u rimi ta' ilma mormi domestiku ta' bastiment tal-passiġġieri;
 - standards Ewropej u internazzjonali għal bastimenti li jitħaddmu biss fuq passaġġi fuq l-ilma 'l barra mir-Renu;
- 9) Bunkering tal-gass naturali likwifikat (LNG) (Anness 8, paragrafu (2.8));
- 10) Kjarifiki dwar il-validità taċ-ċertifikat tal-Unjoni fuq ir-Renu (ESI-I-1);
- 11) Rikonossiment ta' ankra speċjali b'massa mnaqqsa (ESI-II-9);
- 12) Aġġornament tal-kontroreferenzi għall-istandards Ewropej u internazzjonali;
- 13) Għadd ta' korrezzjonijiet editorjali fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi.

1.2.3 Il-konsistenza tar-reġimi ġuridiċi għar-rekwiżiti tekniċi

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tinkludi fl-Anness II referenza diretta għall-istandard ES-TRIN.

Jixraq li tiġi pprovduta l-istess data għall-applikabbiltà tal-ES-TRIN 2021/01 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ reġimi ġuridiċi eżistenti għar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna (is-CCNR u l-UE). Kemm id-dritt tal-UE kif ukoll ir-Regolamenti tas-CCNR se jirreferu għall-ES-TRIN 2021/01 mill-1 ta' Jannar 2022.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1668 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 256, 7.10.2019, p. 1).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. L-abbozz tal-att delegat ġie kkonsultat mal-membri tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni skedat għad-9 ta' Marzu 2021. Il-membri tal-grupp ta' esperti appoġġaw l-abbozz tal-att delegat.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

3.1 Lista ta' passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni maqsuma ġeografikament f'Żoni 1, 2 u 3

L-Anness 1 jipprovdi lista ta' passaġġi fuq l-ilma tal-UE maqsuma f'Żoni 1, 2 u 3.

F'konformità mal-Artikolu 4(2), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 rigward emendi għall-Anness I sabiex timmodifika l-klassifikazzjoni ta' passaġġi fuq l-ilma, inkluż ż-żieda u t-tħassir ta' passaġġi fuq l-ilma. Tali emendi għall-Anness I jistgħu jsiru biss fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat, għal passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tiegħu.

Huwa xieraq li jiġi emendat l-Anness I abbażi tat-talbiet minn Franza u l-Iżvezja biex tiġi modifikata l-lista tal-passaġġi fuq l-ilma tagħhom, kif ukoll biex jitneħħew ir-referenzi għall-passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, wara l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni.

3.2 Aġġornament tar-referenza għall-ES-TRIN

L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jirreferi għall-ES-TRIN 2019/1 għar-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji. Skont l-Artikolu 31(1) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li taġġorna dik ir-referenza għall-aktar verżjoni reċenti tal-ES-TRIN u tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tagħha. Meta wieheď iqis il-pubblikazzjoni tal-ES-TRIN 2021/1 bħala l-aktar verżjoni reċenti tal-ES-TRIN, l-abbozz tal-att delegat jiżgura l-aġġornament rilevanti u jiffissa d-data tal-applikazzjoni għall-istandard bħala l-1 ta' Jannar 2022.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 28.4.2021

li jemenda l-Annessi I u II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-modifika tal-lista tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni u r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għall-inġenji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE⁵, u b'mod partikolari l-Artikoli 4(2) u 31(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 stabbiliet sistema armonizzata għall-ħruġ ta' ċertifikati tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li kienu jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi unifikati.
- (2) L-Anness I tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jipprovdi lista tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni maqsuma ġeografikament f'Żoni 1, 2 u 3.
- (3) It-tqassim tal-passaġġi fuq l-ilma f'żoni huwa ddeterminat mill-Istat Membru, għall-passaġġi fuq l-ilma fit-territorju tiegħu.
- (4) Il-modifika tal-klassifikazzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma, inkluż iż-żieda u t-tħassir ta' passaġġi fuq l-ilma tista' ssir fuq talba mill-Istat Membru kkonċernat.
- (5) Fil-15 ta' Mejju 2018, ir-Repubblika Franċiża talbet li temenda l-lista tal-passaġġi fuq l-ilma fiż-żona 1 fit-territorju tagħha. L-entrata tal-Anness I li tirreferi għaż-Żona 1 tal-passaġġi fuq l-ilma interni tal-Unjoni għalhekk jenħtieġ li tiġi modifikata billi tiżdied iż-Żona 1 fi Franza.
- (6) Fid-9 ta' Lulju 2019, ir-Renju tal-Iżvezja talab li jemenda l-lista tal-passaġġi fuq l-ilma fiż-Żoni 1, 2 u 3 fit-territorju tiegħu billi żied passaġġi fuq l-ilma interni Żvediżi addizzjonali fiż-Żoni 1, 2 u 3.
- (7) Meta jitqies il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("UK") mill-Unjoni, jenħtieġ li l-Anness I jiġi modifikat biex jitneħħew ir-referenzi kollha għall-passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju tiegħu.
- (8) L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jistabbilixxi li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji huma dawk stipulati fl-istandard ES-TRIN 2019/1.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

- (9) Jenħtieġ li l-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tan-navigazzjoni interna jkollha l-għan li tiżgura l-uniformità fl-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni fl-Unjoni.
- (10) Il-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna ("CESNI") inħoloq fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu ("CCNR") biex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.
- (11) Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2020, is-CESNI adotta Standard Ewropew ġdid li jistabbilixxi r-Rekwiżiti Tekniċi għall-bastimenti tan-Navigazzjoni Interna, jiġifieri l-ES-TRIN 2021/1⁶. L-istandard ES-TRIN jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi uniformi meħtieġa biex jiżguraw is-sikurezza tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Dan jinkludi dispożizzjonijiet fir-rigward tal-bini tal-bastimenti, l-armar u t-tagħmir għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, dispożizzjonijiet speċjali fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' bastimenti bħal bastimenti tal-passiġġieri, konvojs imbuttati u bastimenti tal-kontejners, dispożizzjonijiet fir-rigward tat-tagħmir tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika, dispożizzjonijiet fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-bastimenti, mudell ta' ċertifikati u reġistru, dispożizzjonijiet tranżizzjonali, kif ukoll struzzjonijiet għall-applikazzjoni tal-istandard tekniku.
- (12) L-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/1629 għaldaqstant jenħtieġ li jiġi modifikat biex jipprevedi li r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji jkunu dawk stipulati fl-ES-TRIN 2021/1 u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2022.
- (13) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva (UE) 2016/1629 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Direttiva (UE) 2016/1629 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Anness I huwa sostitwit mit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Anness II huwa sostitwit mit-test tal-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, punt 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

⁶ Ir-Risoluzzjoni CESNI 2020-II-1

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.4.2021

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN